MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 891/2006

**Carmel sive Charles Baldacchino Kerr**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

1. Ir-rikorrent twieled fil-25 ta` Frar, ta` 1940 u gie rregistrat fl-Att ta` Twelid li jgib in-Numru 1857/1940, bl-isem ta` Carmel Baldacchino Kerr, u dana kif jirrizulta mill-estratt tac-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dokument ‘A’.

2. Huwa minn tfulitu kien maghruf u msejjah bl-isem ta` Charles u mhux Carmel, u dana kemm mill-familja, hbieb,

fuq xoghol, fuq kuntratti kemm privati kif ukoll pubblici, kif ukoll fuq numru ta` dokumenti ufficjali, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. L-isem Carmel huwa ghal kollox estranju ghar-realta` tal-hajja tieghu.

4. Il-fatt li l-isem l-attur kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid, u dak li bih ilu maghruf minn twelidu ma jikkorrispondux wiehed ma` l-iehor, jikkawzalu hafna problemi prattici, amministrattivi u guridici; u f`dan ir-rigward l-esponent ghamel talba ta` korrezzjoni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, liema talba giet michuda.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-attur tul hajtu kien dejjem konsistentement maghruf u msejjah bhala Charles, u mhux bhala Carmel, kif intqal fuq.

2. Tordna lill-konvenut jaghmel l-annotazzjonijiet necessarji fuq l-Att ta` Twelid ta` l-attur li jgib in-numru 1857/1940 rigward il-partikolarijiet dwar isem l-attur li gie assenjat lilu fl-att tat-twelid, u b`dan illi jigi registrat bhala Charles minflok Carmel, u dan ai termini ta` l-Art. 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

3. Tordna illi l-bdil effettwat fl-Att tat-Twelid tal-attur, illi jgib in-Numru 1857/1940, kif mitlub, jigi rifless f`kull att ta` stat civili relattiv ghall-istess attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta.

1. Preliminarjament l-esponent fir-rigward tat-talbiet dedotti fir-rikors guramentat mhux edott mill-fatti kif esposti u ghalhekk fil-mertu jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghall-gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

2. Fir-rigward tat-tieni talba dedotta fir-rikors guramentat l-esponent jirrileva li jirrizultalu mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent Carmel Baldacchino Kerr li jgib in-numru progressiv ta` iskrizzjoni 1857 tas-sena 1940 li d-dikjarant fuq l-Att in kwistjoni kien missier ir-rikorrent Joseph Baldacchino Kerr li anke ffirma fuq dan l-Att.

3. Fir-rigward tat-tielet talba dedotta fir-rikors l-esponent jirrileva li r-rikorrent ai termini ta` l-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 irid jispecifika l-Atti ta` l-Istat Civili li qed jitlob li jigu korretti.

4. Fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-esponent li ghaldaqstant m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta` l-istanti stante li d-dikjarant fuq Att ta` l-Istat Civili ghandu l-obbligu li jaghti d-dettalji korretti u huwa responsabbli li jivverifika d-dettalji li ddikjara u ffirma ghalihom.

5. Ghandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta` l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant l-esponent ghandu x`jeccepixxi dwar it-talbiet avvanzati fir-rikors guramentat promotur a savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din il-kawza saret mir-rikorrent sabiex il-Qorti tordna tibdil fl-att tat-twelid tieghu biex dan jirrifletti r-realta` tal-isem li hu maghruf bih.

Il-Qorti fliet id-dokumenti kollha esibiti mir-rikorrent u hi tal-fehma li dawn juru ampjament li r-rikorrent ilu hafna snin, minn meta kien tifel, maghruf bl-isem ta` Charles u mhux ta` Carmel kif jidher fic-certifikat tat-twelid tieghu. Sahansitra d-dokumenti relatati ma` l-edukazzjoni tieghu jixhdu dan (fol. 17). Anki dokumenti relatati mal-ewwel

impieg tieghu (fol. 18) juruh bhala Charles. Hutu wkoll xehedu li dejjem jafuh bhala Charles (ara affidavit taghhom a fol. 41 et seq).

Il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m`ghandhiex tintlaqa` t-talba tar-rikorrenti, partikolarment meta huwa ovvju li anke l-icken diskrepanza bejn dokumenti ufficjali, hija ta` xkiel u sors ta` problemi fil-hajja ta` min ikun qed jesperjenzaha. Dan, flimkien mal-konsiderazzjoni tal-interess ta` terzi persuni, li jridu jkunu dejjem mohhhom mistrieh f`kull relazzjoni ma` individwu, iwassal lill-Qorti biex tilqa t-talbiet tar-rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, taqta` u tiddeciedi billi:

1. tilqa` l-ewwel talba ta` l-attur.

2. tilqa` t-tieni talba u tordna li fl-att tat-twelid numru 1857/1940 issir korrezzjoni fis-sens li l-isem tat-tarbija issir Charles minflok Carmel.

3. tilqa` t-tielet talba u tordna li fl-att taz-zwieg numru 987/1963 jinbidel isem tar-ragel minn Carmel ghal Charles.

Peress illi ma giex pruvat li l-konvenut jahti ghal xi zball tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------